# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju 2020**

**Numru 3**

**Rikors maħluf numru 507/2012MCH**

***Bank of Valletta p.l.c.* (C 2833)**

***v.***

***Gozo Caterers Ltd* (C 4338), Dottor Emmanuel George Cefai u *E.G.C. Ltd* (C 71685)**

Dan huwa provvediment fuq ir-rikors tal-konvenuti appellanti tal-11 ta' Ġunju 2020.

Kontra dak li jingħad fir-rikors, ma hu minnu xejn li biċ-ċaħda tar-rikors tal-atturi tat-23 ta' Jannar 2020 "ġie determinat l-ewwel aggravju ta' dan l-appell". Bl-ewwel aggravju l-appellanti jridu n-nullità tas-sentenza appellata għax igħidu illi ma nstemgħux ix-xhieda kollha li riedu jressqu. Imbagħad, bir-rikors tat-23 ta' Jannar 2020 l-appellanti talbu illi l-qorti tisma' biss trattazjoni dwar dak l-ewwel aggravju u tagħti sentenza fuq dak l-aggravju qabel ma, jekk jibqa' meħtieġ, issir trattazzjoni dwar l-aggravji l-oħra. Billi ċaħdet dik it-talba l-qorti ma ppronunzjat ruħha xejn fuq l-aggravju. Kull ma għamlet kien illi pprovdiet illi ssir trattazzjoni fuq l-aggravji kollha biex tingħata sentenza waħda u l-kawża ma tkompliex titwal għalxejn. Jekk jintlaqa' l-ewwel aggravju s-sentenza appellata titħassar; jekk iżda ma jintlaqax tkun tista'

tingħata sentenza fuq l-aggravji l-oħrajn ukoll u għalhekk ma jkunx meħtieġ differiment ieħor għat-trattazzjoni u ieħor għat-tieni sentenza.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad ir-rikors tal-11 ta' Ġunju 2020, li tqisu x'aktarx fieragħ, u sejra tgħaddi għas-sentenza ladarba l-partijiet ġà kellhom okkażjoni (għalkemm għażlu li ma jinqdewx biha) jagħmlu t-trattazzjoni bil-fomm tal-aggravji kollha tal-appell – kemm l-ewwel aggravju u kemm l-aggravji l-oħra – fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2020 li kienet differita għal dak il-għan.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr